**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 27 ta' Novembru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Paul Vassallo**
**Spettur Mario Tonna**
**Spettur Sandro Zarb**

**Vs**

**Alatoshi Reyad Abdulsalem**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alatoshi Reyad Abdulsalem ta' 32 sena imwieled nhar il-21 ta' Gunju 1969, gewwa Awara Libya, bin Abdulsalem, u Bahixa nee' Alatoshi resienti gewwa Libya u detentur ta' Passaport Numru D612932296;

Talli nhar l-10 ta' Novembru 2001 ghall-habta ta' 6.30pm gewwa Floriana u cioe' minn gewwa l-post ta' detenzjoni gewwa l-Kwartieri generali tal-Pulizija ikkommetta harba bi ksur minn dan il-post ta' kustodja u dan bi ksur ta' l-artikolu 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli that l-istess lok u cirkostanza u hin waqt li kontu that detenzjoni, ghen fil-harba persuni ohra u ghalhekk irrenda ruhu komplici

ma’ persuni ohra bi ksur tal-Artikolu 42 u 156 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli that l-istess lok, cirkostanzi u hin volontarjament ikkommetta, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma’ teccedix il-hamsin (Lm50) lira maltin izda teccedi l-ghaxar liri maltin (Lm10) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli minghajr ma nghata permess ta’ residenza, sabiex jinzel l-art jew ikun f’Malta minghajr permess ta’ l-ufficju ta’ l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni irrenda ruhu immigrant projbit bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli kiser il-provediment tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 kif impost fuqu nhar l-1 ta’ Novembru 2001 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Carol M. Peralta LL.D, Awla 7.

Wara li rat l-Artikoli 152, 42, 156, 325 c tal-kapitolu 9 u l-Artikolu 5(1), u 15 tal-kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi imputat hati ta’ kif akkuzat.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta’ xahar (1) prigunerija, kif ukoll tiddikjarah immigrant projbit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.